**KULLEĠĠ SANTA KLARA**
**SKOLA SEKONDARJA - PEMBROKE**
**L-EŻAMI ANNWALI 2015**

| IL-LIVELLI |
|---|
| **4 – 5 – 6** |

| L-EWWEL SENA | IL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA (Il-Fehim mis-Smigħ) | IL-ĦIN: 15-il minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema

| IL-MARKI | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **Il-Fehim mis-Smigħ** | Attività 1/3 | **5** | |
| | | Attività 2/3 | **5** | |
| | | Attività 3/3 | **5** | |
| | **IT-TOTAL** | | **15** | |

# IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA
# IL-FEHIM MIS-SMIGĦ

| **L-Ewwel Attività** | **(5 marki)** |
|---|---|



Merħba. Matul is-sessjoni tas-smigħ se tisma' tliet testi differenti. Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li tisma' l-qari tat-testi.

Kull test, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn. Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek u ssib paġna 2 sabiex tibda l-ewwel attività.

*– Waqfa ta' 10 sekondi –*

Għandek ftit ħin biex tara sewwa l-istampa tal-ewwel attività.

*– Waqfa ta' 25 sekonda –*



Issa se naqralek **l-għaxar sentenzi**. Waqt il-qari tista' tibda timmarka jekk is-sentenza moqrija hijiex Veru (*True*) jew Falz (*False*) skont l-istampa pprovduta. L-ewwel waħda nħadmet bħala eżempju.

*– Waqfa ta' 3 sekondi –*

**1** **Il-Qari tas-sentenzi tal-ewwel attività.**
*Nota għall-għalliema: Importanti li n-numri ta' kull sentenza jinqraw bil-Malti.*

0. F'din l-istampa qed naraw ħafna tfal jaħslu snienhom.
1. F'din l-istampa qed naraw skola kbira ħdejn il-baħar.
2. F'din l-istampa qed naraw ħafna bini.
3. F'din l-istampa qed naraw mara, raġel u kelb.
4. F'din l-istampa qed naraw erba' siġriet.
5. F'din l-istampa qed naraw bandiera.
6. F'din l-istampa qed naraw twieqi, bibien u gallariji.
7. F'din l-istampa qed naraw ħanut tal-frott u ħanut tal-ħwejjeġ.
8. F'din l-istampa qed naraw post li fih tliet knejjes.
9. Din l-istampa hija dwar żewġt itfal li qed jilagħbu bil-ballun fil-klassi.
10. Din l-istampa hija dwar post f'Malta fejn hemm ħafna bini sabiħ.

*– Waqfa ta' 3 sekondi –*

Issa se naqralek għat-tieni u l-aħħar darba s-sentenzi tal-ewwel attività.

*– Waqfa ta' 10 sekondi –*

| **It-Tieni Attività** | **(5 marki)** |
|---|---|

**Se ngħaddi issa għat-tieni attività.**
Għandek ftit ħin biex tara sewwa l-istampi tat-tieni attività.

*– Waqfa ta' 25 sekonda –*

Issa se naqralek is-sitt sentenzi. Waqt il-qari tista' tibda tniżżel in-numri tas-sentenzi moqrija li jaqblu mal-istampa t-tajba. L-ewwel waħda nħadmet bħala eżempju. **Attenti! Hemm tliet stampi żejda.**

*– Waqfa ta' 3 sekondi –*

**2** **Il-Qari tas-sentenza tat-tieni attività:**




*Nota għall-għalliema: Importanti li n-numri ta' kull sentenza jinqraw bil-Malti.*

**0. F'din l-istampa qed naraw raġel jilgħab il-futbol.**
1. Il-baħar ta' Malta huwa sabiħ u nadif.
2. Aħna nieklu ħafna frott u ħaxix għax nibżgħu għal saħħitna.
3. Dan ir-raġel iħobb ħafna lill-kelb tiegħu Hachiko.
4. Din il-familja qed tara dokumentarju fuq it-televixin.
5. Jien naħsel snieni kuljum għalhekk huma sbieħ u bojod.

Issa se naqralek l-istruzzjonijiet tat-tieni attività.
Ħares lejn l-istampi mogħtija.
Isma' b'attenzjoni s-sentenzi moqrija.
Niżżel in-numru tas-sentenza moqrija fil-kaxxa tal-istampa t-tajba.
Attent/a! Hemm żewġ stampi żejda.

*– Waqfa ta' 3 sekondi –*

Issa se naqralek għat-tieni u l-aħħar darba s-sentenzi tat-tieni attività.

*– Waqfa ta' 10 sekondi –*

| **It-Tielet Attività** | **(5 marki)** |
|---|---|

**Se ngħaddi issa għat-tielet u l-aħħar attività.**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra l-mistoqsijiet tat-tielet attività.

*– Waqfa ta' 30 sekonda –*

Issa se tinqara silta u l-mistoqsijiet marbuta magħha.

*– Waqfa ta' 10 sekondi –*

# 3 Is-silta:

**L-Aktar Annimal Perikoluż** ta' Lawrence Fenech

L-apparenza tista' tqarraq bina meta nfittxu l-aktar annimal perikoluż. Annimali żgħar bħal żrinġijiet, sriep u bram kapaċi jkollhom velenu biżżejjed biex joqtlu diversi bnedmin. U l-ippopotamu, għalkemm naħsbuh qisu *teddy bear*, hu annimal feroċi li żgur li ma tridx xi wieħed jiġri warajk. Imma l-aktar annimal li joqtol nies fid-dinja hu n-nemusa! Iva, in-nemusa, li bilkemm taraha, iġġorr il-mard u skont il-*World Health Organisation* imutu aktar minn miljun ruħ fis-sena minħabba fiha. L-aktar marda qerrieda li ġġorr in-nemusa hi l-malarja – din il-marda hi mifruxa l-aktar fl-Afrika minħabba n-nuqqas ta' ilma nadif u kura medika.

**Issa se naqralek il-mistoqsijiet dwar din is-silta.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.

| | | |
|---|---|---|
| 0. X'jisimha din is-silta? | a. l-aktar annimal fidil | |
| | b. l-akbar annimal fid-dinja | |
| | ċ. l-aktar annimal perikoluż | ✓ |

| | | |
|---|---|---|
| 1. Liema annimali jsemmi u li għalkemm żgħar jistgħu jkunu fatali għall-bnedmin? | a. klieb u qtates | |
| | b. żwiemel, ħmir u baqar | |
| | ċ. żrinġijiet, sriep u bram | |

| | | |
|---|---|---|
| 2. Kif jiddeskrivi lill-ippopotamu? | a. bħala *teddy bear* | |
| | b. bħala annimal fidil | |
| | ċ. bħala annimal feroċi | |

| | | |
|---|---|---|
| 3. Liema huwa l-aktar annimal li joqtol lin-nies? | a. is-serp | |
| | b. l-ippopotamu | |
| | ċ. in-nemusa | |

| | | |
|---|---|---|
| 4. Għaliex din toqtol ħafna nies? | a. għax iġġorr ħafna mard | |
| | b. għax tniggeż | |
| | ċ. għax tgħix fl-ilma | |

| | | |
|---|---|---|
| 5. Liema hi l-aktar marda qerrieda li ġġorr in-nemusa? | a. il-ġidri r-riħ | |
| | b. l-influwenza | |
| | ċ. il-malarja | |

Issa se naqralek għat-tieni u l-aħħar darba s-silta u l-mistoqsijiet marbuta mat-tielet attività.

*– Waqfa ta' 30 sekonda u jinġabru l-karti tal-fehim mis-smigħ –*

**TMIEM IL-KARTA**